# Il-Ħadd 27.12.2020

1. Illum 27/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Il-Ħamis 31/12 :
   - Mill-5:00pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, u nispiċċaw bil-barka Sagramentali. Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa flimkien ma' donazzjonijiet oħra jmorru għad-Dar tal-Providenza. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom.

3. Il-Ġimgħa 1/01/21, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun fis-6:45am, fid-9:00am, fl-10:30am u fil-5:30pm.

4. Il-Ħadd 3/01/21, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**.
   - Fil-5:00pm - Ħin ta' Adorazzjoni
   - Fil-5:30pm - Quddiesa.

5. Is-Sibt 9/01/21:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Avviżi oħra:
   - Matul dawn il-jiem qed jitqassam id-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2021 flimkien mal-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li bħas-soltu tmur għall-manutenzjoni tal-knisja u d-diversi proġetti ta' konservazzjoni u restawr. Apparti r-Raġġiera tal-Ġilandra armata bħalissa, u n-Niċeċ ta' San Pawl u tad-Duluri rinovati u kompluti bid-dawl, fil-jiem li ġejjin ser jiżżanżnu l-gandlieri tar-Rużarju għal kuljum, flimkien mal-manutenzjoni fuq il-lat estern taċ-Ċimiterju; jonqosna l-iggalvanizzar u ż-żebgħa tal-*gate* ċentrali. Matul is-sena li ġejja rridu ntemmu t-tiswija tal-Lanterna tal-koppla, flimkien ma' diversi proġetti oħra li qed nippjanaw li jirrikjedu ammont sostanzjali ta' finanzi. Għaldaqstant dawn id-donazzjonijiet għandhom jinġabru lura minn dawk li kienu jqassmu l-*'Flimkien'* jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd, u nirringrazzjakom bil-quddiem tal-ġenerożità li kontinwament turu, anke f'dawn iż-żminijiet.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 105 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 200 mill-Lotterija;
   - € 155 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutenzjoni u restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.